# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 26 ta' Lulju, 2002**

**Appell Nru 51/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Horace Bianco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Horace Bianco talli fi Triq San Tumas, il-Hamrun, fit-3 ta' Lulju, 2001 ghall-habta tat-8.40 pm (**1**) hebb ghal missieru Nazzareno u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dott. Pierre Bonnett M.D., (**2**) hedded bi kliem lil missieru Nazzareno, (**3**) qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, (**4**) u aktar talli sar recidiv permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Novembru, 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Frar, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Horace Bianco hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu xaharejn (2) prigunerija, kif ukoll rabtitu b'obbligazzjoni personali ta' mitt lira li b'ebda mod ma jimmolesta lil Nazzareno Bianco ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Horace Bianco, minnu ppresentat fil-5 ta' Marzu, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; rat ukoll il-*pre-sentencing inquiry report* imhejji mill-Ufficjal tal-*Probation* is-Sinjura Mariella Camilleri; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li hu ma kellux jisntab hati tad-diversi reati li taghhom instab hati peress li hu kien ipprovokat minn missieru u, di piu`, huwa (cioe`) l-appellant agixxa biex jiddefendi ruhhu. Issa, apparti l-inkompatibbilita` tad-difizi ta' provokazzjoni u legittima difeza, mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi tal-

fehma li l-ewwel qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha ta' htija.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2002 – li fiha ddeponew ix-xhieda kollha, inkluzi l-genituri ta' l-appellant u l-appellant innifsu – din il-Qorti setghet tosserva li bejn l-appellant u missieru tezisti animosita` kbira, ibbazata fuq inkompresjoni bejn it-tnejn li huma, u alimentata b'argumenti fuq affarijiet apparentement trivjali. L-appellant ghandu dsatax-il sena (jaghlaq ghoxrin f'Dicembru), u skond l-ufficjali tal-pulizija li ddeponew f'din il-kawza, l-incident *de quo* kien wiehed minn sensiela fuq medda ta' snin. Fil-fatt, skond kopja ta' sentenza datata 16 ta' Novembru, 2000 u ezibita quddiem l-ewwel qorti, l-appellant kien diga nstab hati li f'okkazzjoni ohra kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq missieru u ommu. Din il-Qorti, ghalhekk, hasset li kellha tikkummissjona rapport dwar l-appellant, biex tindaga aktar dwar l-isfond ta' l-akkadut, u ghal dana l-fini hatret lill-Ufficjal tal-*Probation* is-Sinjura Mariella Camilleri.

L-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* ghamlet riassunt hekk tas-sitwazzjoni, riassunt li, a bazi ta' dak li jirrisulta mir-rapport taghha, din il-Qorti taqbel perfettament mieghu:

> **Fl-isfond ta' dan l-agir [ta' aggressjoni fil-konfront tal-genituri tieghu] hemm it-trobbija trawmatika li ghadda minnha Horace Bianco. Mill-informazzjoni migbura minn diversi sorsi, it-tfulija tieghu kienet ikkaratterizzata minn abbuz u tbatija. Huwa beda jrawwem fih certa rabja u aggressivita`, u meta dahal fl-adolexxenza huwa beda wkoll jimmanifesta dawn l-emozzjonijiet ma' ta' madwaru.**
>
> **Barra minn hekk, huwa stenna li ommu tghinu u tiddefendih, biss dan qatt ma sehh. Huwa qatt ma accetta li l-omm kienet kompletament dipendenti fuq zewgha u li ghalhekk din setghet kienet ir-raguni ghaliex qatt ma hadet posizzjoni kontrih (i.e. kontra zewgha) Horace ghadu jittama li eventwalment ikun possibbli li huwa jirrikoncilja ma' ommu.**
>
> **Dawn il-fatturi jaghtu indikazzjoni li Horace jehtieg terapija adegwata sabiex huwa jigi mghejjun jeghleb problemi li ghandhom l-gheruq taghhom fil-passat. Huwa gie riferut l-ewwel darba ghal din it-terapija matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport u jidher li huwa qed jaghraf l-importanza taghha u ghalhekk qed jikkoopera bis-shih. Minbarra dan is-servizz, Horace qed jibbenefika minn assistenza ta' *social worker* li f'dan il-kaz hu Gino Zammit. Jidher li s-Sur Zammit irnexxielu jikseb il-fiducja ta' Horace u dan qed jikkunsidrah bhala *role model*. Dan hu ta' importanza aktar meta wiehed izomm f'mohhu li matul it-tfulija u l-adolexxenza tieghu, huwa kien aktar espost ghal agir negattiv. Taht il-gwida tas-Sur Zammit Horace qed jigi mghejjun sabiex eventwalment huwa jsir aktar indipendenti anke billi jibda jghix ghal rasu.**

Din il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz, u fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, ikun aktar opportun li jinghata provvediment li jaghti lill-appellant l-opportunita` li jkompli juzufruwixxi mill-ghajnuna tas-*social worker* imsemmi, kif ukoll mill-ghajnuna li diga tawh – u ghadhom jaghtuh – il-Patrijiet Salesjani, biex jimmatura u jghaddi ghal hajja aktar “normali” milli kellu sa issa.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, cioe` f’dik il-parti fejn ikkundannatu xaharejn prigunerija u fejn rabtitu b’obbligazzjoni personali ta’ mitt lira li ma jimmolestax lil Nazzareno Bianco ghal sena, u minflok dawn il-pieni tqieghed lill-imsemmi Horace Bianco taht is-sorveljanza ta’ l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri ghall-periodu ta’ tlett snin mill-lum skond l-Ordni ta’ *Probation* hawn anness (u dana wara li ghamlet dak mehtieg skond is-subartikolu (5) tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152).

Deputat Registratur

## Qorti ta' l-Appell Kriminali

Imhallef:

Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

Ordni ta' *Probation* – Artikolu 5, Kap. 152

Illum, 26 ta' Lulju, 2002.

Il-Qorti:

Billi Horace Bianco (hawn taht imsemmi "probationer") gie misjub hati kif indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Frar, 2002 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Horace Bianco*** kif modifikata bis-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti fl-istess ismijiet fl-appell nru. 51/2002;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dana l-Ordni ta' *Probation*;

U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dana l-Ordni lill-*probationer*, inkluzi l-htigiet mizjuda skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152, u nnutat li l-istess *probationer* wera li jrid ihares il-htigiet ta' l-istess Ordni;

Tordna li l-*probationer* ikun taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri ghal zmien ta' **tlett snin mill-lum** b'dawn il-htigiet:

1. li matul dan il-periodu il-*probationer* igib ruhhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-*Probation* imsemmija, inkluzi in partikolari direttivi sabiex jattendi u joqghod ghal kura psikjatrika skond u kif jigi indikat lilu, kif ukoll direttivi sabiex izomm kuntatt mas-*social worker* is-Sur Gino Zammit bil-modalitajiet li jigu lilu indikati; u

2. li l-*probationer* jidher quddiem din il-Qorti kull erba' xhur flimkien ma' l-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* fid-data u fil-hin li jigu komunikati lilu mill-imsemmija Ufficjal u konkordati bejna u bejn id-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament tal-imgieba tal-*probationer*;

Tordna li kopja ta' dan l-Ordni jigi minnufih konsenjat lill-*probationer* kif ukoll lill-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* skond is-subartikolu (6) tal-Artikolu 5 msemmi.

Imhallef